# L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

Diċembru 2017
Nru. 225

# Jibdew il-Postulandat



Nhar l-Erbgħa 1 ta' Novembru ġewwa id-Dar tal-Formazzjoni, fil-Kunvent tagħna ta' Santa Marija ta' Ġesù, ir-Rabat, Robert Govus u Christopher Bilocca bdew il-Postulandat fi ħdan l-Ordni tal-Patrijiet Minuri.

Għal din l-okkazzjoni kienu mistednin l-familjari tal-Postulanti kif ukoll il-Patrijiet. Iċ-ċelebrazzjoni kienet tikkonsisti billi flimkien tlabna t-talba tal-Għasar u wara ħsieb mill-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech, OFM, Robert u Christopher tlibsu s-sinjal tat-Tau Franġiskan.

Il-Provinċjal qal li importanti li l-kandidat iħossu komdu fil-fraternità imma jista' jkun li minflok wieħed ifittex lill-Mulej ikun ifittex il-konsolazzjoni u għalhekk mhux raġuni biex ikollok vokazzjoni. Anke Pietru fuq il-muntanja Tabor kien qed jitpaxxa bil-konsolazzjoni





*ikompli f'paġna 3*

## Għidilna xi ħaġa ġdida Dun!

Saċerdot li kien predikatur famuż intbagħat bħala kappillan ġewwa raħal. In-nies tar-raħal kienu ferm kuntenti u kburin bih, għax il-fama tiegħu kienet inxterdet mal-pajjiż kollu għall-kelma sabiħa li kellu li tanqal l-muntanji! U allura wieħed jista' jimmaġina kif il-knisja kienet mimlija meta wasal l-ewwel Ħadd li fih kien mistenni li jlissen l-ewwel prietka tiegħu f'dak ir-raħal. Kulħadd mimli kurżità mar bi ħġaru biex jisimgħu. U ma kellhomx għalfejn joħorġu diżappuntati għax għamel prietka li qanqlet il-qlub ta' dawk preżenti u kien hemm anke min qabiżlu d-dmugħ!

Il-Ħadd ta' wara fil-knisja kien hemm għadd akbar ta' nies li marru biex jisimgħuh għax dawk li marru l-Ħadd ta' qabel ħajruhom u qanqlulhom ukoll il-kurżità. Wasal il-ħin tal-prietka u stennew li sejrin jisimgħu xi ħaġa ġdida. Imma oħroġ il-għaġeb għamlilhom l-istess prietka ta' tmint ijiem qabel. Għalkemm ma ddejqux jisimgħu l-istess kelma, imma bħal baqgħu naqra ħażin. Marru l-Ħadd ta' wara, u meta reġa' għamlilhom l-istess prietka, li issa kienu kważi tgħallmu bl-amment, marru fuqu u qalulu li veru li kienet prietka sabiħa, imma li issa xtaqu kieku jisimgħu mingħandu xi ħaġa ġdida. U hu, ta' saċerdot qaddis u intelliġenti li kien weġibhom u qalilhom, "Għadkom ma għamiltu xejn fuq

*ikompli f'paġna 2*

minn paġna 1

din l-ewwel prietka tiegħi! Meta tagħmlu xi ħaġa, imbagħad nippri-etkalkom xi ħaġa oħra!"

Din hija l-istorja tagħna lkoll wisq nibża'! Milied jiġi! Milied imur! U aħna ħajjitna tibqa' prattikament l-istess. Nifirħu bit-twelid ta' Ġesù. Nagħmlu festi kbar, ikliet mill-aqwa, vaganzi u safar. Tiżjin fid-djar, fit-toroq, fil-knejjes tagħna u kull post ieħor, imma din il-prietka li jagħmlilna Ġesù bl-eżempju tiegħu u b'dak li għamel għalina tibqa' bħal dik il-prietka tat-tifel fil-lejl qadddis tal-Milied li niggustawh u nieħdu gost nisimgħuh, imma l-messaġġ li jkun ħareġ minn fomm dan it-tifel bl-innoċenza tal-qalb tiegħu minn widna jidħol u mill-oħra joħroġ qabel ma nilħqu noħorġu mill-knisja li



nkunu fiha!

Tgħid din is-sena se jerġa' jiġrilna l-istess? Tgħid se nagħmlu bħan-nies ta' dak ir-raħal? Il-ferħ tagħna jkun vojt!? Nisimgħu imma ma nagħtux widen!? Nibqgħu fejn konna f'ħajjitna, fir-relazzjoni tagħna ma' Alla u ma' xulxin? Jew imqanqlin mill-ġrajja li qed niċċelebraw nagħmlu bħar-ragħajja u bħal maġi li telqu kollox u 'mmorru nfittxu lil din it-tarbija, Alla magħmul bniedem? Hekk biss jista' jissarraf il-kliem li lissnu l-anġli fil-lejl tal-Milied, l-istess kliem li jidwi fil-knejjes kollha tagħna dak il-lejl, dak inhar, "Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba!" Paċi fl-art iva, imma lill-bnedmin ta' rieda tajba! Il-Milied it-tajjeb lil kulħadd. Il-Mulej jagħtik is-Sliem, il-Paċi tiegħu!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

# Definitorju Provinċjali 17 ta' Novembru

Id-Definitorju Provinċjali ltaqa' nhar il-Ġimgħa 17 ta' Diċembru fid-9.00am ġewwa Porziuncola Franciscan Centre, Baħar iċ-Ċagħaq. Il-membri kollha kienu preżenti. Wara t-talba tal-bidu mill-Ministru Provinċjal, inqraw il-minuti tal-laqgħa ta' qabel mis-Segretarju Provinċjali P. Ramon Farrugia OFM u ġew approvati.

Matul il-laqgħa l-Ministru Provinċjal informa lil dawk preżenti fejn wasalna bil-proġetti li l-Provinċja għandha quddiemha. Rigward il-bini tal-*Franciscan Retirement Friary* fuq Porziuncola Franciscan Centre, ħareġ *Non-Executable Permit* mill-*Planning Authority*. Jonqos biss issa l-aħħar *clearance* mill-*Environment and Resources Authority*. Il-ħsieb huwa li x-xogħol jibda f'Jannar 2018. L-istess rigward il-kunventin f'Għawdex. Il-Case Officer irrakkomanda li jinħareġ il-permess. Kull ma jonqos huwa li tiġi ffissata data biex l-applikazzjoni titressaq quddiem il-Bord tal-*Planning Authority*, possibilment f'Diċembru li ġej u x-xogħol mistenni jibda fi Frar 2018, jekk Alla jrid.

Il-Provinċjal kien tkellem ukoll ma' P. Noel Muscat OFM dwar it-trasferiment tal-Bibljoteka Provinċjali. P. Noel sakemm jirritorna lura l-Art Imqaddsa għandu jinforma lill-Provinċjal kemm xkaffar għandu bżonn u l-qisien tagħhom. Sakemm jerġa' lura f'Ġunju 2018 jitlesta x-xogħol fir-refettorju tal-Belt u fis-Sajf 2018 isir it-trasferiment. Wara jingħata bidu għar-restawr tant meħtieġ u urġenti ta' fejn tinsab il-Bibljoteka Provinċjali attwalment.

Ingħatat informazzjoni wkoll dwar il-*Carbon Footprint Project* fejn diġà nxtraw xi *appliances echo friendly* għall-kunventi tar-Rabat u tal-Ħamrun biex jieħdu post dawk li barra li kienu għamlu żmienhom, kienu wkoll jikkunsmaw ħafna elettriku.

Wara li ġiet diskussa xi korrispondenza l-laqgħa ntemmet fl-10.30am. Laqgħa oħra għandha ssir din id-darba ġewwa Bahia nhar it-Tnejn, 4 ta' Diċembru 2017.

Diċembru

## Appuntamenti

**4** ta' Diċembru, Definitorju Provinċjali ġewwa id-dar Bahia il-Mellieħa.

**15** ta' Diċembru, Tberik tal-Altar il-ġdid tal-Knisja tar-Rabat waqt il-Quddiesa tas-6.00pm.

**16** ta' Diċembru, Sessjoni ta' Formazzjoni Permanenti fit-Tieni Jum tan-Novena bi tħejjija għall-Milied ġewwa ċ-Ċentru Franġiskan, Baħar iċ-Ċagħaq. Nispiċċaw b'ikla flimkien. Fid-9.30am.

**28** ta' Diċembru, Festa tal-Milied għall-Patrijiet u l-familjari tagħhom. Nibdew bil-Quddiesa u nkomplu b'ikla flimkien ġewwa ċ-Ċentru Franġiskan Baħar iċ-Ċagħaq.

### Birthdays - Diċembru

01. P. Alfred Sciberras
03. P. Noel Muscat
04. P. Marcellino Micallef
11. P. Gwann Micallef
17. P. Ray Scicluna
19. P. Godfrey Micallef

### Festi - Diċembru

10. Fr. Lorrie Zerafa
25. P. Noel Muscat
26. P. Stephen Magro
26. P. Stephen Sciberras

minn paġna 1

## ...jibdew l-ewwel pass



tal-Mulej, għax meta mbagħad kellmu fuq it-tbatija, beda jlumu. Huwa semma wkoll kif meta jiġu mumenti fuqu ta' dlam, ma jfissirx li l-vokazzjoni m'għandiex. Dan ħassu wkoll San Franġisk u allura anke aħna ngħaddu minn dawn il-mumenti ta' dlam. Imma d-dlam huwa importanti ukoll għax fid-dlam biss tista' tara s-sbuħija tal-bniedem.

Huwa kompla fuq ittra li kiteb lill-Postulanti, fuq dak li jgħid Ġesù lill-Appostli: "Mhux intom għażiltuni imma jien għażiltkom" u dan għaliex "inti qiegħed eżatt fejn iridek Alla issa" u dak li għaddejt minnu qabel, kien maħsub minn Alla biex inti tkun eżatt fejn qiegħed issa. Allura huwa importanti li dawn il-postulanti jirritornaw spiss għal din l-ittra biex jekk huma qed iħossu sejħa, dik is-sejħa qed jagħmilha l-Mulej. U jekk huma qed iħossuhom f'mument partikolari, jiftakru li dak hu l-mument eżatt fejn il-Mulej iridhom ikunu.



Wara huwa tkellem fuq fit-tifsira tal-Postulandat u qal li bħalma fis-seminarju Franġiskan hemm akwarju u min jaf kemm għaddew minn quddiemu u jħarsu biex jaraw x'hemm ġol-akwarju, imma dan sar dejjem minn barra u tagħmel differenza meta tidħol ġol-akwarju. U meta wieħed jidħol ġo fih, l-akwarju mhux se jibqa' l-istess għax issa dħalt int, u lanqas inti mhu se tibqa' l-istess għax qed tgħix ma' elementi l-oħra. Issa l-Postulanti l-ġodda se jibdew żmien ta' dixxerniment aktar intensiv. Issa mhux iżjed se jħarsu barra mill-akwarju imma issa se jidħlu fih.



Nitolbu biex dawn il-kandidati ġodda li laqgħu s-sejħa tal-Mulej ikomplu b'ħafna entużjażmu jimxu warajh fuq il-passi ta' San Franġisk.

Wara ċ-ċelebrazzjoni kien hemm riċeviment fl-istess kunvent.





## It-Tieni Volum tat-Talb tal-Fidili

Wara li f'Diċembru li għadda ġie ppubblikat l-ewwel volum tal-ktieb ġdid tat-Talbiet tal-Fidili, il-Provinċja Franġiskana permezz ta' P. Anton Farrugia għadha kemm ippubblikat t-tieni volum li jiġbor fih it-talbiet tal-fidili – Żminijiet Privileġġjati: Avvent, Milied, Randan u Għid.

Erba' invokazzjonijiet qosra, b'introduzzjoni, talba ta' konklużjoni u ritornell. Il-ktieb b'qoxra iebsa u b'żewġ żigarelli għandu format ta' 25 x 8 cm b'tipa li tinqara tajjeb. Issa jinsab għall-bejgħ, u tista' tordna l-kopja tiegħek fuq telefon 99821622, għall-prezz ta' €20.

## Quddiesa ċ-Ċimiterju tal-Addolorata

Nhar is-Sibt 18 ta' Novembru fl-10.30 ta' filgħodu, il-Provinċja Franġiskana ċċelebrat Quddiesa kkonċelebrata ġewwa l-Kappella taċ-Ċimiterju tal-Addolorata. Din il-quddiesa tiġi ċċelebrata kull sena fil-kappella taċ-ċimiterju, matul ix-xahar ta' Novembru biex nitolbu għal dawk il-patrijiet li ħallewna.

Il-Quddiesa kienet ċċelebrata mill-Ministru Provincjal P. Richard S. Grech, OFM u li għaliha attendew numru sabiħ ta' patrijiet. Wara l-quddiesa sar t-tberik tal-oqbra.







*Il-Ħamis 28 ta' Diċembru,*
*ġewwa ċ-Ċentru Franġiskan - Baħar iċ-Ċagħaq*

**Festa tal-Milied għall-Patrijiet u l-familjari tagħhom**

*Quddiesa fis-6.00pm u*
*wara nieklu u niddevertu flimkien.*




**L-AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA - **Editur:** P. Joseph Magro OFM*
***eMail:** jmagro@ofm.org.mt - **tel:** +356 21234316 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*